Arti minn 27 pajjiż fil-Biennali tal-Imdina

Charles Muscat

Fix-xahrejn li ġejjin, il-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina se tkun il-vetrina ta' kull forma ta' arti minn 27 pajjiż. L-ispazji tal-arti f'ħafna mis-siti mill-isbaħ tal-Imdina se jirduppjaw mal-ftuħ tal-Biennali ta' Arti Kontemporanja tal-Katidral tal-Imdina. Artisti ewlenin minn madwar id-dinja se jkollhom ix-xogħlijiet tagħhom tal-arti għall-wiri fl-ewwel belt kapitali ta' Malta, bejn it-13 ta' Novembru u s-7 ta' Jannar 2016.

Il-Biennali, li għandha bħala msieħeb ewlieni l-Bank APS, fetħet uffiċjalment bil-kunċert annwali u prestiġjuż tal-APS nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru, fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina. Il-postijiet kollha bix-xogħlijiet tal-arti esebiti kienu miftuħa għall-pubbliku. Il-kunċert ippreżenta l-premiere tal-iStabat Mater, tal-kompożitur Euchar Gravina. L-Orkestra Filarmonika ta' Malta kienet taħt id-direzzjoni tas-Surmast Christopher Muscat, akkumpanjat mis-soprano Andriana Yordanova u l-Coro Bel Canto, taħt id-direzzjoni ta' Mro Hermann Farrugia Frantz.

Din l-edizzjoni l-ġdida tal-Biennali tal-Imdina, bit-tema Kristjanità, Spiritwalità u d-Diversità, se tagħti ħarsa differenti lill-arti u r-reliġjonijiet, u qed tkun imfaħħra għall-mod kif se tkun ta' pont bejn il-kulturi differenti, id-differenzi fit-twemmin u anke dawk li ma jemmnu f'xejn.

Il-ħsieb ġdid tad-direzzjoni għal dan l-avveniment kien żviluppat mill-artist, akkademiku u kritiku tal-arti Dr Giuseppe Schembri-Bonaci, li hu d-direttur artistiku tal-Biennali. Il-Biennali se tkun qed tenfasizza l-kreattività, b'xogħlijiet ta' arti tal-ogħla kwalità minn fost l-aqwa artisti minn 27 pajjiż, foshom Malta.

"Dak li se nkunu qed ngħixu u nesperjenzaw hu Biennali ta' livelli internazzjonali li se tippreżenta lil kull min iżurha ħafna aspetti li wieħed għandu jaħseb dwarhom. Fil-ħajja tal-lum, aħnaninkoraġġixxu l-wirt multikulturali. L-ispiritwalità tmur ħafna lil hinn mir-reliġjonijiet, u permezz tal-Biennali se nkunu qed nesploraw id-diversi forom tagħha," jgħid Dr Schembri-Bonaci.

"L-Imdina għandha storja ta' multikulturaliżmu u din il-ħajja ġdida li qed tingħata lill-Biennali, li l-Kapitlu tal-Katidral ilu li stabbilixxa bħala l-Biennali tal-Art Kristjana u Sagra biex tinkoraġġixxi l-artisti f'din l-isfera, taħt id-direzzjoni artistika ta' Dr Schembri-Bonaci, teħodna lil hinn minn dak li ninterpretaw meta nirreferu għall-arti u l-ispiritwalità," qal l-Arċipriet tal-Katidral tal-Imdina, Monsinjur Anton Cassar.

"L-Arti Sagra hija immaġni artistika li tuża ispirazzjoni u mottivi reliġjużi bl-intenzjoni li tgħolli l-moħħ fuq livell spiritwali. F'dan il-kuntest, il-Biennali se tkun qed isservi bħala pjattaforma ideali li tressaq ħafna nies qrib xulxin u tagħti lill-Imdina esperjenza internazzjonali li tilqa' fiha reliġjonijiet diversi, ideoloġiji u twemmin."

Il-Biennali, li għandha bħala msieħeb ewlieni l-Bank APS, fetħet uffiċjalment bil-kunċert annwali u prestiġjuż tal-APS nhar il-Ġimgħa fil-Katidral Metropolitan tal-Imdina

Il-lista twila ta' artisti tippreżenta ismijiet mill-oqsma kollha tal-arti. Fost l-ismijiet il-kbar fil-qasam tal-arti internazzjonali, il-Biennali se tippreżenta 23 biċċa ta' arti tar-rebbieħ tal-Premju Nobel, Dario Fo, mill-kollezzzjoni privata ta' Dr Schembri-Bonaci.

Ix-xogħlijiet kollha li se jkunu esebiti ġew studjati bir-reqqa u se jkunu esebiti u ppreżentati f'modi li bihom l-arti tkun qed tirrispetta l-ambjent tal-madwar waqt li tħalli lill-viżitatur igawdi u jesperjenza dan il-vjaġġ li jixħet id-dawl fuq l-arti.

Il-Biennali tal-Imdina ma tiffukax biss fuq ir-rappreżentazzjoni tal-arti u fil-mod ta' kif hi esebita. Minbarra li qed tagħmel ukoll aktar postijiet u siti aċċessibbli għall-pubbliku – u għaldaqstant tqajjem interess fil-wirt Malti – il-Biennali se tippreżenta wkoll kalendarju mimli ta' avvenimenti mifruxa fuq il-perjodu ta' tmien ġimgħat. Dan jinkludi mużika, attivitajiet letterarji u awdjoviżivi. Diversi wirjiet se jiġu ppreżentati kemm fl-Imdina kif ukoll f'postijiet oħrajn barra l-belt Medjevali.

Taħditiet, konferenzi u sessjonijiet ta' *jazz* se jkunu wkoll organizzati matul it-tmien ġimgħat ta' ekstravaganza ta' arti li se tiġi manifestata f'diversi forom. Il-postijiet li fihom se jsiru dawn l-attivitajiet se jkunu

għal paġna 19